**144. Il-Ministru ta' l-Intern ippropona din ir-Riżoluzzjoni:-**

Illi l-Kamra tapprova r-Riżoluzzjoni li ġejja liema Riżoluzzjoni tikkonsisti f'Dokumenti "A", "B", "C", "D", "E", "F", "G", "H", "I" u "J".

**<u>Dokument "A"</u>**

Billi fil-11 ta' April 1988 (seduta Nru. 89) il-Kamra approvat Riżoluzzjoni taħt il-provvediment tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, il-kiri tal-fond 117 Triq San Pawl fil-Belt Valletta għall-perjodu ta' ħames snin b'effett mill-15 ta' April 1988 u billi dan il-perjodu skada fl-14 ta' April 1993 u l-kirja baqgħet ma ġietx imġedda u billi, skond l-artikolu XI paragrafu 7 tal-Protokoll tad-9 ta' Ottubru 1987, Malta provdiet dan il-fond lil Nazzjonijiet Uniti biex jiġi wżat mill-*International Institute on Ageing*;

Għalhekk il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jerġa' jagħti b'kera lill-*International Institute on Ageing* il-Fond Nru 117 Triq San Pawl fil-Belt Valletta, kif inhu deskritt ahjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz.

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Fond Nru 117 Triq San Pawl fil-Belt Valletta, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mikri lill-*International Institute on Ageing*, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**<u>Dokument "B"</u>**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'kera lill-*Confederation of Malta Trade Unions* (CMTU) il-Fond Nru 9C Triq Mikiel Anton Vassalli fil-Belt Valletta, kif inhu deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Fond Nru 9C Triq Mikiel Anton Vassalli fil-Belt Valletta, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mikri lill-*Confederation of Malta Trade Unions* (CMTU), għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**<u>Dokument "C"</u>**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'kera lil *Down's Syndrome Association* il-Fond Nru 38 Flat 4 Triq Nofs in-Nhar fil-Belt Valletta, kif inhu deskritt ahjar fl-abbozz ta' ftehim imqieghed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taht il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Fond Nru 38 Flat 4 Triq Nofs in-Nhar fil-Belt Valletta, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jigi mikri lil *Down's Syndrome Association*, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**<u>Dokument "D"</u>**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'kera lill-Ambaxxata Franciza l-Fond Nru 131 Triq Melita fil-Belt Valletta, kif inhu deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Fond Nru 131 Triq Melita fil-Belt Valletta, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mikri lill-Ambaxxata Franċiża, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**Dokument "E"**

Permezz tal-kuntratt tal-1 ta' Settembru 1992, il-kumpannija *Five Star Hotels Ltd.* giet moghtija bicca art f'St George's Bay, San Ġiljan għal disgħa u disgħin (99) sena biex tinbena lukanda kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim dokument 'I' li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

Billi skond il-kundizzjoni 16 ta' dan il-kuntratt, il-kumpannija kellha l-obbligu li tibni "*Hostel*" għall-benefiċċju tal-*Institute of Tourism Studies*, li n-nefqa tiegħu kellha tkun ta' mhux aktar minn (Lm25,000.00) ħamsa u għoxrin elf Lira Maltija fuq art li riedet tigi ndikata mill-Gvern;

U billi sal-lum dan il-"*Hostel*" għadu ma nbeniex, u biex dan il-"*Hostel*" jinbena l-prezz tiegħu irid ikun ħafna aktar minn (Lm25,000.00) ħamsa u għoxrin elf Lira Maltija;

U billi hija x-xewqa tad-Dipartiment tat-Turiżmu li minflok il-bini ta' dan il-"*Hostel*", din is-somma ta' (Lm25,000.00) ħamsa u għoxrin elf Lira Maltija tiġi wżata biex tissewwa l-istruttura tal-*Institute of Tourism Studies* u l-kumpannija qablet ma' dan;

U billi t-trasferiment ta' l-art f'St George's Bay, San Ġiljan lil *Five Star Hotels Ltd.* sar permezz ta' Riżoluzzjoni skond il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern fit-2 ta' Ġunju 1992 (sitting no. 21);

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li kull bidla ta' kull kundizzjoni inkluża fit-trasferiment ta' xi art tfisser "trasferiment";

U billi huwa xieraq li l-bdil ta' din il-kundizzjoni jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kundizzjoni 16 tal-kuntratt tal-1 ta' Settembru 1992 mal-*Five Star Hotels Ltd.* li jirregola l-għotja ta' biċċa art f'St George's Bay, San Ġiljan tigi mibdula skond l-Att korrettorju dokument "II" li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

**Dokument "F"**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam socjali li jagħtu għaqdiet bħalma huma l-i*scouts* u l-*Girl Guides*, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti proprjetajiet lil *clubs* u assoċjazzjonijiet ta' l-isports, l-i*Scouts* u l-*Girl Guides*, b'titlu ta' ċens temporanju jew kera, il-proprjetajiet kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozzi ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, biċ-ċens jew kera, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi:-

(I) Il-proprjetajiet li jinsabu:-

1. Art f'Għajn Tuffieħa bil-benefikati eżistenti fuqha (Scouts Association)
2. Fond fi Triq id-Dwar fil-Mosta (Mosta Girl Guides)
3. Boċċi Pitch u Club House fi Triq San Patrizju f'Birżebbugia (Birżebbugia Boċċi Club)
4. Water Polo Pitch u Club House fi Triq il-Bajja s-Sabiħa f'Birżebbugia (Birżebbugia Sports Club)
5. Bocci Pitch u Club House fi Triq it-Transfigurazzjoni f'Hal Lija (Lija Bocci Club)
6. Tennis Court fi Triq Karlu Darmanin u Dressing Room fi Triq it-Transfigurazzjoni f'Hal Lija (Lija Tennis Club)
7. Club House u art bejn il-Moll tal-Braken u l-Moll tal-Pont fil-Marsa (Kazin tar-Regatta Marsa)
8. Fond fi Triq id-Dwar fil-Mosta (Mosta Cycling Club)
9. Il-Kumpless tal-Hockey f'Kordin (Hockey Association Malta)
10. Tennis Courts u l-Club House f'Kordin (Tennis Club Kordin)
11. Tennis Courts u l-Club House f'Kordin (Vittoriosa Lawn Tennis Club)
12. Il-Boċċi Pitch u l-Club House fi Triq Mater Boni Consilii f'Raħal Ġdid (Paola Bocci Club)
13. Il-Boċċi Pitch u l-Club House fi Triq it-Telgħa ta' Raħal Ġdid f'Raħal Ġdid (Pawla Wolves Sports Club)
14. Art f'Pembroke (Malta Judo Federation & A.D.)
15. Football Ground u Dressing Room f'Pembroke (Melita Football Club)
16. Tennis Courts u Dressing Rooms fi Triq Tunis f'Pembroke (Pembroke Rackets Tennis Club)
17. Art f'Pembroke (Pembroke Athleta Sports Club)
18. Football Ground u Tennis Courts f'Pembroke (Malta Tennis Federation)
19. Art f'Pembroke (BMX Association)

20. Art f’Pembroke (Island Radio Model Car Club)

21. Hockey Pitch u l-Club House fi Triq Manwel Dimech f’Ħal Qormi (Qormi Hockey Club)

22. Boċċi Pitch u l-Club House fl-Isla (L-Isla Boċċi Club)

23. Boċċi Pitches u Club House fi Triq it-Tempji Neolitiċi f’Hal Tarxien (Paola Tarxien Boċċi Club)

24. Boċċi Pitch u Club House fi Triq San Leonardu f’Ħaż-Żabbar (St. Peter Klabb tal-Boċċi Zabbar)

25. Boċċi Pitch u Club House fi Triq il-Kunvent f’Ħaż-Żabbar (Klabb tal-Boċċi Zabbar)

26. Boċċi Pitch u Club House fi Triq Parizi f’Ħaż-Żebbug (Zebbug Bocci Club)

27. Boċċi Pitch u Club House fi Triq id-Daħla ta’ San Tumas fiż-Żejtun (Zejtun Boċċi Club)

28. Boċċi Pitch u Club House fi Triq il-Mitħna fiż-Żurrieq (Centru Rekrejattiv, Guy Boċċi Club Zurrieq).

29. Football Ground, Stand u Club House fi Triq il-Marziena fis-Sannat Għawdex (Sannat Lions Football Club)

30. Art f’Ta’ Qali bil-benefikati eżistenti fuqha (Malta Basketball Association)

kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija b’titlu ta’ ċens temporanju lill-*clubs*, assoċjazzjonijiet, l-i*Scouts* u l-*Girl Guides* hawn fuq imsemmija għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

(II) Il-proprjetajiet li jinsabu:-

1. Ex Camp Site Baħar iċ-Ċagħaq (Birkirkara Scout Group)

2. Parti minn Sandhurst School Grounds f’Pembroke (Pembroke / St. Andrews Scout u Pembroke / North District Girl Guides)

3. Parti mill-Ex Rinella WT Station fid-Daħla Tar-Rinella (South District Scouts Group).

4. Club House u l-Pitch fi Triq Mile End c/w Triq Schembri Hamrun (Hamrun Liberty Sports Club)

5. Birkirkara Football Grounds u n-nurseries fi Triq B. Bontadini c/w Triq P.P. Castagna Birkirkara (B’Kara Football Club p.l.c.)

6. Id-Dressing Rooms, il-Ground u t-Tennis Court fi Triq Diċembru 13, Marsa (Marsa Football Club)

7. Il-Club House u l-Ground fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba (Mqabba Football Club)

8. Il-Club House u l-Basketball Pitches f'Pembroke (Pembroke Athleta Sports Club)

9. Id-Dressing Rooms u l-Ground fi Triq Valletta, Qormi (Qormi Football Club)

10. L-Ex Boċċi Club u l-Pitch f'Dawret il-Gudja, Gudja (St. Patrick's Athletic Club)

11. Sit f'Birkirkara magħruf bħala Għar il-Ġobon (Birkirkara Tennis Club)

12. Tennis Court u strutturi fl-Ex Rinella WT Station fid-Daħla tar-Rinella (Rinella Tennis Club)

kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mikrija lill-*clubs*, assoċjazzjonijiet, l-i*Sscouts* u l-*Girl Guides* hawn fuq imsemmija għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

**<u>Dokument "G"</u>**

Billi fil-21 ta' Ottubru 1997 (seduta Nru. 127) il-Kamra approvat Riżoluzzjoni taħt il-provvediment tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, l-għotja b'ċens temporanju ta' art lil:-

1. Neptunes Waterpolo and Swimming Club

2. Zurrieq Football Club

3. Sirens Football Club

4. Mosta Football Club

5. Marsascala Sports Club

6. Luxol Sports Club

7. Saint Patrick's Football Club

8. Ta' Xbiex Aquatic Sports Club

9. San Giljan Aquatic Sports Club

10. Marsaxlokk Football Club

11. Malta Football Association

U billi l-kejl ta' l-art konċessa lil dawn il-*clubs*, imsemmija fil-kuntratti magħmula skond l-abbozzi ta' ftehim kif ġew approvati mill-Kamra tad-Deputati fil-21 ta' Ottubru 1997, kien żbaljat;

U billi l-Gvern iħoss li m'għandux iħallas kumpens jekk l-art jew partijiet minnha, mogħtija skond l-abbozzi ta' ftehim, tiġi meħtieġa għal skop pubbliku;

U billi l-kuntratti ma' dawn il-*clubs* iridu jiġu emendati u modifikati għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li kull bidla ta' kull kundizzjoni inkluża fit-trasferiment ta' xi art tfisser "trasferiment";

U billi huwa xieraq li l-bdil f'dawn il-kuntratti jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-abbozzi ta' ftehim ma':-

1. Neptunes Waterpolo and Swimming Club
2. Zurrieq Football Club
3. Sirens Football Club
4. Mosta Football Club
5. Marsascala Sports Club
6. Luxol Sports Club
7. Saint Patrick's Football Club
8. Ta' Xbiex Aquatic Sports Club
9. San Giljan Aquatic Sports Club
10. Marsaxlokk Football Club
11. Malta Football Association

jigu emendati u modifikati skond l-atti korrettorji li jinsabu imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra.

**<u>Dokument "H"</u>**

Billi fil-21 ta' Ottubru 1997 (seduta nru.127) il-Kamra approvat Riżoluzzjoni taħt il-provvediment tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976

dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, l-għotja b'ċens temporanju ta' art lill-Assoċjazzjoni Sportiva Hibernians;

U billi l-kejl ta' l-art konċessa lil din l-Assocjazzjoni, imsemmi fil-kuntratt magħmul skond l-abbozz ta' ftehim kif ġie approvat mill-Kamra tad-Deputati fil-21 ta' Ottubru 1997, kien żbaljat;

U billi l-Gvern iħoss li m'għandux iħallas kumpens jekk l-art jew partijiet minnha, mogħtija skond l-abbozz ta' ftehim, tiġi meħtieġa għal skop pubbliku;

U billi taħt parti mill-art konċessa ġiet inkluża *power station* antika;

U billi l-Assoċjazzjoni Sportiva Hibernians issa saret A.S. Hibernians Ltd.;

U billi, skond il-klawsola numru 14 tal-kuntratt, l-Assoċjazzjoni Sportiva Hibernians ma tistax tittrasferixxi l-art konċessa mingħajr l-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

U billi l-kuntratt li hemm ma' din l-Assoċjazzjoni jrid jiġi emendat u modifikat ghar-raġunijiet hawn fuq imsemmija;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li kull bidla ta' kull kundizzjoni inkluża fit-trasferiment ta' xi art tfisser "trasferiment";

U billi huwa xieraq li l-bdil f'dan il-kuntratt isir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kuntratt magħmul skond l-abbozz ta' ftehim kif gie approvat mill-Kamra tad-Deputati fil-21 ta' Ottubru 1997, immarkat Dokument (I), jigi tterminat skond id-Dokument (II) u minflok isir kuntratt ġdid għaż-żmien rimanenti ma' l-A.S. Hibernians Ltd. taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-emendi u modifiki hawn fuq imsemmija, kif inhu deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim immarkat Dokument (III) imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

**<u>Dokument "I"</u>**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'cens temporanju lil *Malta Aviation Museum Foundation* l-art f'Ta' Qali, kif inhi deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Ta' Qali, kif deskritta aħjar fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens temporanju lil *Malta Aviation Museum*

*Foundation*, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**Dokument "J"**

Billi fil-21 ta' Ottubru 1997 (seduta nru.127) il-Kamra approvat Riżoluzzjoni taħt il-provvediment tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, l-għotja b'ċens temporanju ta' art f'Tar-Rumana u ta' Ġnien Ġebel f'tal-Balal fil-limiti ta' Birkirkara u Saint Andrews lil *Saint Michael Foundation* għal bini ta' skola;

U billi l-kuntratt ta' ftehim ma sarx fil-perjodu stipulat fl-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet;

U billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta għadu bi ħsiebu jagħti l-istess art lil *Saint Michael Foundation* kif kien ġie riżolut fis-seduta nru 127 tal-21 ta' Ottubru 1997;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Tar-Rumana u ta' Ġnien Ġebel f'Tal-Balal fil-limiti ta' Birkirkara u Saint Andrews tingħata lill-imsemmija *Saint Michael Foundation* b'ċens temporanju għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

13.06.2000